MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 166/2007/1

**John Cassar White u Christopher Bell**

**vs**

**Dr. Richard Sladden li b'digriet tal-31 ta' Lulju, tas-sena 2007 gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Joseph Cala` ta' Cala` Corporation**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Novembru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors promotur datat il-5 ta' Gunju tas-sena 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-

assenti intimat indikat sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Prevja dikjarazzjoni illi l-intimat hu responsabbli, bhala awtur ta' pubblikazzjoni ppublikata fil-25 ta' Mejju tas-sena 2007 u wara din id-data taht ir-ras "Cala` Corp. Ceases Negotiations with Current Maltese Government and Malta Shipyards" li deher fuq l-Internet, (**www.euroinvestor.co.uk/news** , fost l-ohrajn u liema pubblikazzjoni deher anke f'Malta tramite **www.di-ve.com** u **www.MaltaMedia.com** kif kienet l-intenzjoni ta' l-intimat ), ta' malafama u libell fil-konfront tar-rikorrenti minhabba li l-artiklu, ossia pubblikazzjoni, kif ippublikat kif imsemmi hawn fuq, (kopja annessa bhala ezempju Dok A), kien malafamanti u libelluz u intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess rikorrent, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi jhallas lir-rikorrent dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248;

3. Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra r-rikorrent imharrek ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta datata s-27 ta' Settembru tas-sena 2007, tal-kuratur deputat nominat b'digriet taghha datat il-31 ta' Lulju tas-sena 2007, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

1. Illi l-eccipjenti m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz u jirriserva li jipprovdi l-eccezzjonijiet u r-risposta tieghu dwar il-mertu u l-kontenut tal-artiklu in kwistjoni fi stadju ulterjuri, meta jikkomunika mal-assenti konvenut;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jippruvaw li l-konvenut assenti hu l-awtur ta' dak ippublikat u li l-kontenut tal-artiklu origina minnu;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Sodisfatta li l-assenti intimat mhux biss ma giex debitament konstantement rapprezentant fl-atti odjerni izda li kien ukoll debitament infurmat bl-izviluppi kollha ta’ din il-procedura;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tar-rikorrenti tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi fil-mument li gew ippubblikati l-artikoli in dizamina r-rikorrenti kienu jokkupaw karigi gholjin fl-intrapriza lokali “Malta Shipyards”, Cassar White kien “Chairman” u Bell kien ic-“Chief Executive Officer”;

2. Illi l-procedura odjerna tirrigwarda pubblikazzjoni li deheret fil-gurnal elettroniku “di-ve.com” , li rriproduca artikolu li kien qed jidher f’mezzi tax-xandir internazzjonali taht l-isem ta’ “Business Wire” li kien deher fil-25 ta’ Mejju tas-sena 2007;

3. Illi r-rikorrenti hassewhom malafamati bil-kontenut ippubblikat ghas-segwenti ragunijiet;

i. Illi fin-negozjati li “Cala` Corporation” kienet qed tikkonduci mal-“Malta Shipyards Limited” il-kumpanija ta’ l-assenti intimat fuq indikata kienet giet raggirata mir-rikorrenti Cassar White u Bell, u li kien l-istess Ministru Gatt li ppermetta dan;

ii. Illi fit-trattattivi li kien hemm bejn iz-zewg intraprizi fuq indikati l-artikolist inkriminat jallega li dik immexxija mir-rikorrenti kienet qajmet diversi intoppi foloz biex ifallu dawn it-trattattivi;

iii. Illi fl-artikolu tieghu l-intimat allega wkoll li r-rikorrenti kienu nformawh li Malta kienet zghira wisq biex takkomoda elfejn (2000) haddiem iehor;

iv. Illi fl-artikolu tieghu l-intimat allega wkoll li r-rikorrenti ma kellhom l-ebda pjan biex imexxu l-"Malta Shipyards Limited" 'l quddiem;

v. Illi finalment l-istess intimat jallega wkoll nuqqas ta' buona fede fir-rikorrenti fl-operat taghhom f'intrapriza pubblika fejn qed ihaddmu rizorsi pubblici;

4. Illi l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fl-imsemmi artikolu fil-konfront tar-rikorrenti huma kollha negati minnhom minghajr rizervi, senjatament:

i. Illi qatt ma ddiskutew il-falliment tal-kumpanija;

ii. Illi lanqas jirrizulta li ddiskutew xi pjan ta' falliment ma' dawk li ghandhom l-ishma – il-Gvern;

Ikkunsidrat:

1. Illi fost il-funzjonijiet tar-rikorrenti tul dawn it-trattattivi ma' l-assenti intimat dawn kellhom l-oneru li jezaminaw jekk teknikament il-proposta ta' l-assenti intimat li jibni vapuri kif minnu ndikat kinitx proposta vijabbli jew kimerika;

2. Illi mill-istudji teknici li saru gie zvelat li l-bacir tal-Marsa li kien gie identifikat ghal dan ix-xoghol ma kienx kbir bizzejjed biex jakkomoda l-istess vapuri identifikati peress li l-bacir kien xi zewg (2) metri anqas mid-dovut;

3. Illi s-soluzzjoni offruta mill-assenti intimat li jittajjar l-ispazju mehtieg bid-dinamite biex tinbena bankina gdida, ma kinitx wahda verosimili li timmerita l-avall tas-socjeta` lokali;

4. Illi l-siforzi tar-rikorrenti kienu ndirizzati biex flimkien mal-*"management",* jaghmlu t-Tarzna vijabbli, biex b'hekk ma tibqax tiddependi fuq is-sussidji;

5. Illi inoltre, fl-investigazzjonijiet kondotti mir-rikorrenti rrizultalhom li l-assent intimat ma kienx jispira dik il-kapacita` finanzjarja li kien jipprogetta;

6. Illi ghalhekk kienu r-rikorrenti, mhux l-assenti intimat, li interrompa t-trattattivi li kienu ghaddejjin;

7. Illi l-artikolu tal-25 ta' Mejju tas-sena 2007, ma kienx l-uniku wiehed li kien qed jiccirkola u hu allegat mir-rikorrenti li s-sitwazzjoni ghadha tippersisti;

8. Illi mid-*"due diligence analysis"* kondott mir-rikorrenti, liema analisi jsir f'kazijiet bhal dawn, l-assenti intimat ma jaqtax figura tajba u ma jispira l-ebda fiducja;

9. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti hassewhom gravament malafamati mill-pubblikazzjonijiet li ghalihom hu responsabbli l-assenti intimat u kienu kostretti jintraprendu l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi ai termini tal-verbal tar-rapprezentat legali ta' l-assenti intimat datat it-23 t'April tas-sena 2008, jirrizulta li l-assenti intimat kien debitament informat bl-izviluppi kollha ta' din il-procedura izda ghazel li jibqa` latitanti;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost, ghandu jigi sottolineat li f'socjeta` hielsa, demokratika, u rispettuza ghad-drittijiet fundamentali ta' kull persuna fl-istess socjeta`, wiehed ghandu d-dritt li jesponi l-opinjoni tieghu kemm-il darba l-fatti li fuqhom tistrieh din l-opinjoni jigu riprodotti b'ezattezza;

Illi altrimenti, il-kenn statutorju li wiehed jippretendi li ghandu ma jkunx jista` jsibu u jispicca izolat minghajr difiza;

Illi kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell f'Sammut vs Caruana Galizia et tad-9 ta' Jannar tas-sena 2008:

*"Il-ligijiet jaffermaw b'rilevanza t-tutela tal-persuna, kemm bhala singolu, kif ukoll bhala komponenti fil-formazzjoni socjali u professjonali li fih jesplika l-personalita` tieghu. Din it-tutela b'fundament Kostituzzjonali u Konvenzjonali, hi diretta ghall-harsien unitarju ta' l-immagini, l-isem, l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna. Pari passu ma' din it-tutela hemm, imbaghad, id-dritt ta' l-espressjoni libera li hu wkoll fundamentali";*

Illi kif pero' ammoniet l-istess qorti fuq citata l-ezercizzju ta' dan l-ahhar dritt t'espressjoni libera m'ghandux jitqies bhala xi brevett biex wiehed jikteb li jrid fuq min jinzerta fil-mira tal-kittieb u f'dan is-sens, a skans ta' ripetizzjoni inutili, issir referenza ghall-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana tat-13 ta' Frar tas-sena 2007 citata fl-imsemmija decizjoni li stabbiliet il-kundizzjonijiet essenzjali rikjesti fl-ezercizzju tad-dritt in dizamina;

Ikkunsidrat:

Illi mill-analizi tal-fatti kif fuq sintetikament esposti ghandu jirrizulta assodat li l-assenti intimat allega diversi affarijiet fil-konfront tar-rikorrenti li la gew sussegwentement sotanzjati minnu jew f'ismu, u

addirittura rrizultaw li effettivament huma allegazzjonijiet foloz;

Illi ghalhekk, mhux biss l-ewwel artikolu tal-25 ta' Mejju tas-sena 2007, izda l-ohrajn kollha sussegwenti kienu kollha bbazati fuq allegazzjonijiet foloz intizi biss biex jassassinaw karatterjalment lir-rikorrenti u biex jipprotegu lill-assenti intimat minn kwalunkwe ritorsjoni li l-azzjonisti tieghu fl-Amerka setghu jindirizzaw fil-konfront tieghu wara l-falliment riskontrat;

Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-pubblikazzjonijiet de quo ma kienu xejn hlief manipolazzjoni malizjuza li socjeta` serja, hielsa, demokratika, trasparenti u verament rispettuza tad-drittijiet fundamentali ta' kull persuna fl-istess socjeta` tezigi f'sitwazzjonijiet simili;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess filwaqt li tirrespingi r-risposta ta' l-assenti intimat tramite l-kuratur deputat lilu assenjat, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-assenti intimat Joseph Cala` hu responsabbli bhala awtur ta' pubblikazzjoni ppubblikata fil-25 ta' Mejju, tas-sena 2007, u wara din id-data intitolata "Cala` Corp. Ceases Negotiations with Current Maltese Government and Malta Shipyards" li deher fl-internet kif indikat fir-rikors promotur;

2. Tiddikjara li l-imsemmija pubblikazzjonijiet huma malafamanti, libelluzi u ntizi biex itellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tar-rikorrenti John Cassar White u Christopher Bell;

3. Illi biex allura tkun tista' tghaddi ghall-fazi successiva tal-vertenza u tistabilixxi, kif statutorjament impost, il-quantum prefiss biex

taghmel tajjeb ghad-dannu morali riskontrat fir-reputazzjoni tar-rikorrenti fuq indikati, taghmel referenza wkoll ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, fil-kawza fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

*"Id-danni li ghandha tillikwida l-qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kontemplati fil-Kodici Civili. Il-Ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghall-ammont prezenti);*

Illi biex din il-qorti tkun tista` tafferma r-rettitudini ta' dan l-ezercizzju partikolari bi trasparenza, taghmel referenza ghas-segwenti:

i. Illi l-assenti intimat attakka lir-rikorrenti malizjozament meta attribwielhom, minghajr is-surroga ta' prova, il-mala fede fl-ezercizzju amministrattiv ta' l-operat taghhom;

ii. Illi mhux biss, izda jallega wkoll minghajr l-ebda xrara ta' prova, li r-rikorrenti kienu foloz fit-trattattivi taghhom mieghu;

iii. Illi l-istess assenti intimat jipprova jpingi lir-rikorrenti bhala persuni sprovvisti minn dik l-intelligenza minima nkjesta u li ghalhekk zgur li ma jisthoqqilhomx li jidderiegu azjenda hekk sensittiva bhal din in dizamina;

iv. Illi jallega wkoll li r-rikorrenti kienu qed jirraggiraw l-azjenda li suppost kienu qed jixprunaw ghal-livelli gholjin imprenditorjali;

v. Illi ghalhekk l-attakk riskontrat kien jindirizza lill-qarrej biex jikkonkludi li fl-ezercizzju tal-

professjoni taghhom ir-rikorrenti mhux biss kienu inkompetenti izda kienu wkoll malizjuzi;

vi. Illi mhux biss li lanqas l-ebda wahda mill-allegazzjonijiet vantati ma gew ipprovati fil-konfront tar-rikorrenti, talli jirrizulta propju l-oppost;

4. Tikkundanna lil Dr. Richard Sladden bhala kuratur deputat f’isem l-assenti Joseph Cala` biex ihallas lir-rikorrenti John Cassar White u Christopher Bell l-ammont ta’ ghaxart elef Ewro, (€10,000.00,0) kull wiehed, bl-ispejjez ta’ din il-procedura u bl-imghaxijiet skond il-ligi;

5. Tiehu finalment l-opportunita` biex tesprimi b’mod trasparenti kif tenut ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, li d-decizjoni li ttiehdet recentement li talloka dawn it-tip ta’ kawzi lill-Magistrat wiehed bl-eskluzjoni ta’ Magistrati ohra li qabel kienu wkoll jespletaw dan l-inkarigu ma timmilitax favur l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

6. Illi din id-decizjoni ghalkemm legittima xorta mhix gusta stante li kif kien ricentement notarjament ritenut f’sitwazzjoni simili izda b’riferenza ghall-proceduri legali ohra, jekk verament trid tigi stabbilita l-uniformita` fid-decizjonijiet – haga li del resto qatt lanqas biss kienet in kwistjoni f’dawn it-tip partikolari ta’ proceduri – dan l-oneru ghandu jaqa` f’idejn il-qrati ta’ l-appell u mhux jigu deligittimizzati l-qrati tal-Magistrati kollha.”

Minn din is-sentenza l-konvenut *nomine* appella b’dawn l-aggravji:-

(1) Ma ngiebet ebda prova illi hu kien l-awtur tal-pubblikazzjoni;

(2) Lanqas ma tressqet prova illi tali pubblikazzjoni saret ai termini ta' l-Artikolu 24A tal-Kapitolu 248;

(3) L-artikolu ma ghandu xejn immaginarju tenut kont tas-sitwazzjoni prezenti u ta' l-avvenimenti li sehhew f'dawn l-ahhar xhur;

(4) Id-danni likwidati huma eccessivi u l-Qorti ma pprovdiet ebda motivazzjoni dwar kif waslet ghall-komputazzjoni taghhom;

Riferibilment ghall-ewwel motiv ta' aggravju ghandu qabel xejn jigi registrat illi f'materja ta' azzjoni ta' libell l-attur ghandu, biex jirnexxi fil-pretensjoni tieghu ghar-rizarciment tad-danni, jipprova almenu dawn it-tliet elementi, u cjoe:-

(i) li kien il-konvenut li ppubblika l-kliem oggezzjonati;

(ii) li dawk il-kliem huma diffamatorji tar-reputazzjoni u ta' l-unur tieghu;

u (iii) li dawk il-kliem kienu diretti fil-konfront tieghu;

Manifestamnet, mill-esposizzjoni ta' l-ewwel aggravju l-appellanti *nomine* ma jikkwerelax l-identifikazzjoni ta' l-atturi bhala s-soggetti tal-pubblikazzjoni tieghu, u dan hu sew evidenti gjaladarba dawn jissemmew *expressis* fl-istess pubblikazzjoni. Lanqas ma jikkuntrasta l-element taht punt (ii) *supra*. Huwa, invece, jikkontesta l-paternita` ta' din il-pubblikazzjoni billi javvanza t-teorija illi ma ngiebet ebda prova illi hu kien l-awtur taghha. Ta' min jissottolineja hawnhekk illi din kienet effettivament l-unika eccezzjoni formali minnu sollevata;

Ezami anke superficjali ta' l-atti tistabilixxi inekwivokabilment illi dan l-assunt ta' l-appellanti *nomine* huwa ghal kollox infondat. Veru li l-attur John Cassar White jiddikjara li s-sit elettroniku li fuqu dehret il-pubblikazzjoni ma kienx dak tal-konvenut *nomine*. Daqstant iehor hu veru wkoll illi d-dikjarazzjonijiet maghmula f'dik il-pubblikazzjoni bil-kliem introduttivi "*The*

*following is a statement made by Joseph Cala, CEO of Cala*", kienu jirreferu ghan-negozjati bejnu u l-kumpanija Malta Shipyards li taghha l-attur John Cassar White kien ic-Chairman u l-attur l-iehor ic-Chief Executive taghha. Mhux biss minn dan ma kien hemm xejn x'izomm milli wiehed jassumi illi l-konvenut *nomine* kien tabilhaqq l-awtur tal-pubblikazzjoni, talli, jekk qatt kien hemm xi dubju, minn komunikazzjonijiet elettronici sussegwenti ta' l-istess konvenut *nomine* lill-Avukat ta' l-atturi (ara fol. 34 sa fol. 37), dak l-istess dubju jisfuma ghal kollox, kemm ghaliex l-istess konvenut *nomine* ma jinnegax l-paternita` ta' dak li nkiteb – "*Thank you to file the libel with the court because I am ready to bring the truth inside the Maltese Court*" – talli issokta jinsisti illi kien hemm "*ongoing fraud*" fil-Malta Shipyards li jispera li tigi investiga minn "*brave Maltese Magistrate*". Ara *e-mail* tieghu tas-6 ta' Gunju, 2008 lill-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona;

Fil-kaz tat-tieni aggravju din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi minn ebda eccezzjoni jew sottomissjoni quddiem l-ewwel istanza ma jirrizulta li qatt qamet il-kwestjoni li dwarha issa f'din is-sede jillanja minnha l-konvenut *nomine*. La dan huwa hekk din il-Qorti mhix obbligata li tezamina l-mertu tieghu. In mertu, l-insenjament tal-Qrati taghna minn dejjem kien fis-sens illi gjaladarba l-appell hu mezz koncess biex jigi rimess in diskussjoni l-oggett tas-sentenza pronunzjata, ma setax fil-process tat-tieni istanza jigu introdotti temi godda ta' stharrig u ta' decizjoni li ma jkunux iffurmaw kontroversja quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, u wisq anqas decizi minn din. Ara, fost ohrajn, "**Connie Cacciottolo -vs- Silvio Bonnici *et***", Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003 u "**Adrian Busietta *proprio et nomine* -vs- Philip Gatt *proprio***", Appell Superjuri, 30 ta' Mejju, 2008. Jikkonsegwi illi l-mertu tad-domanda gdida bit-tieni aggravju ma tistax tigi ezaminata. Dan id-divjet japplika anke fejn din id-domanda gdida ghandha bazi f'norma ta' dritt, jekk u salv ma jkollhiex minn natura ta' ordni pubbliku, ghax allura l-Qorti hi fid-dmir li tirrilevaha *ex officio*. Dan, hawnhekk, ma huwiex il-kaz;

Ukoll, bit-tielet aggravju tieghu l-appellanti *nomine* jissolleva punt gdid li ma giex allegat jew definit fl-ewwel istanza. Permezz tieghu huwa donnu jimplika illi r-realta tal-lum tiggustifika d-dikjarazzjonijiet tieghu bil-pubblikazzjoni oggezzjonata mill-atturi. Issa hu veru li fl-*e-mail* tieghu tas-6 ta' Gunju, 2007 (fol. 35) il-konvenut kiteb dan: "*Defamation is the negligent, reckless or intentional communication to a third person of a falsehood that is injurious to the reputation of an individual or organization. Without commenting on what the reputations of the individuals in this case might already have been* <u>*truth*</u> *is a complete defence to the torts of libel (written word) or slander (spoken form)*". B'dan, l-appellanti *nomine* jiddeduci l-"*plea of justification*". Fl-istess waqt jonqos, imbaghad, milli jissollevaha formalment ghad-debita indagini mill-ewwel Qorti;

Jinghad mill-**Gatley** ("**On Libel and Slander**", 7th Ed, 1974, para. 351) "*the truth of the imputation is an answer to the action not because it negatives malice, but because the plaintiff has no right to a character free from that imputation, and if he has no right to it, he cannot in justice recover damages for the loss of it; it is 'damnum absque injuria'. The allegation in a defence that the words complained of are true is called a plea of justification*". Ovvjament, il-konvenut *nomine* "*must prove the defamatory imputation is true*" (para 352) u, ukoll, "*justify the precise imputation complained of*" (para. 354). Dan ghaliex kif ritenut per **Collins M.R.** fil-kaz **"Digby -vs- Financial News Ltd" [1970], 2 KB at p 509**, "*a plea of justification means that all the words are true and covers not only the bare statements of fact in the alleged libel but also any imputation which the words in their contest may be taken to convey*";

Kif gja rilevat, l-appellanti *nomine* ma qajjemx eccezzjoni f'dan is-sens, u wisq anqas ipprova l-konnotazzjonijiet kollha taghha fis-sens ezemplifikat mid-duttrina u l-

gurisprudenza Ingliza appena esposta. Anke allura dan il-gravam tieghu qed jigi skartat;

Fuq ir-raba’ u l-ahhar motiv ta’ aggravju sew id-dottrina Ingliza (ara **Gatley**, *Op. Cit.* Para. 1356) sew dik Taljana (ara **Franzoni**, “**Le obbligazioni da fatto illecito**”, Ed. 2004, pagna 603) jallaccjaw id-danni ma’ tliet kriterji bazici, ossija, (i) l-gravita` ta’ l-allegazzjoni, (2) l-estensjoni tad-diffamazzjoni u (iii) il-kwalita tas-soggett lez. Aktar ma l-addebitu jkun infamanti aktar tikber il-gravita tieghu. Aktar ma tkun estensiva d-divulgazzjoni ta’ l-allegazzjoni hekk gravi, aktar tassumi riljev qawwi, partikolarment fl-ipotesi fejn is-soggett passiv ta’ l-ingurja tkun persuna li ghandha rwol socjali rilevanti. Dawn is-senjalazzjonijiet ta’ din id-dottrina ma humiex aljeni fil-gurisprudenza taghna kif jidher sew manifest mis-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “**Carmel Tonna *et* -vs- Felix Agius *et***”, 23 ta’ Marzu, 1993 u “**Onor. Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami *et* -vs- Joe A. Vella**”, Appell Superjuri, 6 ta’ Ottubru, 2000;

Fil-kaz taht ezami gew mill-konvenut *nomine* imputati lill-atturi illi l-kumpanija tieghu “*was misled by Cassar White and Chris Bell*”, li “*MSL raised a series of false roadblocks*” fil-kors tan-negozjati, li “*the truth is that Messrs White and Bell have no plan to continue with MSCL Shipbuilding under any circumstances*” ghax skond kif allegat, “*a local real estate tyconn with a foreign shipping Company is in the process of taking over MSL for development into high-end real estate, totally unrelated to shipping*”. Fuq kollox, l-insinwazzjoni illi “*the country assets and resources are being channelled for their officials personal gain and silent partners ... they are being misappropriated from the noble people of Malta*”;

Dawn il-bosta allegazzjonijiet, li l-verita taghhom qatt ma giet ipprovata, mhux biss huma gravi fihom infushom imma, meta kkonsidrata l-posizzjoni ta’ fiducja ta’ l-atturi fit-Tarznari, u, tar-reputazzjoni taghhom fil-hajja socjali,

jidher li kienu intizi *sic et sempliciter* biex jiddenegraw fl-istima taghhom il-persuna ta’ l-atturi b’imputazzjonijiet serji hafna, razenti allegazzjonijiet ta’ attijiet kriminuzi ghal gwadann personali.  F’din l-ottika u fid-dawl ta’ dik il-konsiderazzjoni imperanti illi mhux accettabbli illi r-reputazzjoni tal-persuna, zviluppata b’ghaqal fuq numru ta’ snin, tigi distrutta f’tebqa’ ta’ ghajn, din il-Qorti ma ssib assolutament ebda raguni, ukoll fil-konsiderazzjoni tal-gravita estrema ta’ l-allegazzjonijiet, illi tiddisturba l-kwantum tad-danni determinat mill-ewwel Qorti, anke jekk gholi hafna.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell fil-kapi kollha tieghu u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez gudizzjarji ta’ din l-istanza kontra l-konvenut *nomine* appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------